



Brussell, 5 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10791/22

LIMITE

ELARG 55
ME 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi:	5 ta' Lulju 2022
Nru. dok. preċ.: WK 9357/22 REV 1	
Suġġett:	ASSOĊJAZZJONI MAL-MONTENEGRO – Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ħdax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

1. Bil-ħsieb tal-ħdax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mal-Montenegro, il-Grupp ta' Ħidma ffinalizza l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea kif tinsab fl-Anness hawn taħt.
2. Soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.

IL-HDAX-IL LAQGH TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA'
ASSOĊJAZZJONI UE-MONTENEGRO

14 TA' LULJU 2022

Abbozz ta' Pożizzjoni Komuni tal-UE

L-Unjoni Ewropea tilqa' l-ħdax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (SA) UE-Montenegro. Din il-laqgħa tipprovdi opportunità f'waqtha biex jiġi rieżaminat il-progress tal-Montenegro fit-tħejjijiet għas-sħubija, wara s-Sottokomitati SA u l-Komitati SA li saru mill-aħħar Kunsill SA.

Punt 1. **Adozzjoni tal-Aġenda**

Punt 2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni fis-27 ta' Ġunju 2019**

Punt 3. **Relazzjonijiet taħt il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni**

3.1. Strateġija ta' adeżjoni, b'mod partikolari fid-dawl tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Montenegro tal-2021

L-UE ttenni l-impenn inekwivoku tagħha għall-perspettiva Ewropea tal-Montenegro. Hija tilqa' l-progress ġenerali li sar sa issa fin-negozjati tal-adeżjoni, bit-33 kapitolu ta' negozjar taħt skrutinju miftuħa kollha, u tliet kapitoli magħluqa b'mod proviżorju, kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-Montenegro tal-metodoloġija msaħħa għat-tkabbir, li ġiet approvata mill-Kunsill tal-UE fis-6 ta' Mejju 2021. Wara li f'Ġunju 2021 saret l-ewwel konferenza politika intergovernattiva mal-Montenegro, l-UE laqgħet l-erbatax-il konferenza intergovernattiva mal-Montenegro fit-13 ta' Diċembru 2021, li pprovdiet forum għal dialogu politiku dwar il-proċess ta' riforma. L-UE tilqa' l-ambizzjoni u d-direzzjoni strateġika tal-Montenegro lejn l-UE li jimxi 'l quddiem fin-negozjati tal-adeżjoni abbażi tal-progress kontinwu fir-riformi, u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tkompli tappoġġa lill-Montenegro fl-isforzi tiegħu għal sħubija fl-UE.

L-UE tisħaq li l-istadju importanti li jmiss, qabel ma nimxu lejn l-għeluq proviżorju ta' kapitoli jew għabriet oħrajn, hu li jintlaħqu **l-parametri referenzjarji interim għall-Kapitoli 23 u 24**. L-UE stabbiliet 84 parametru referenzjarju interim f'dawn iż-żewġ kapitoli. Dan jiżgura bilanċ bejn il-progress fl-istat tad-dritt u l-progress ġenerali tan-negozjati. Ladarba l-Montenegro jindirizza l-lakuni kollha pendent fl-oqsma tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u jaċċellera u japprofondixxi r-riformi dwar l-indipendenza, il-professjonaliżmu u r-responsabbiltà tal-ġudikatura, il-Montenegro ikun jista' jieħu passi ulterjuri 'l quddiem fl-adeżjoni. Il-progress ta' din il-ħidma ser jiġi ddeterminat mill-Montenegro.

L-UE tinnota l-impenn tal-Montenegro fil-qasam tal-istat tad-dritt u tinkoraġġixxi lill-Montenegro biex ikompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-aspetti rilevanti kollha tal-għabra ta' kwistjonijiet fundamentali u biex tingħata attenzjoni politika u viżibbiltà dovuta lir-riformi ewlenin, kemm jekk huma dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi jew il-kriterji ekonomiċi, kif ukoll il-Kapitoli 5 (Akkwist pubbliku), 18 (Statistika) u 32 (Kontroll finanzjarju). F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Montenegro jseġwi b'mod f'waqt u konvinċenti r-rakkomandazzjonijiet maħruġa fir-rapport tal-2021 tal-Kummissjoni dwar il-Montenegro.

L-UE tfaħħar bil-qawwa l-allinjament sħiħ tal-Montenegro mal-Politika Esera u ta' Sigurtà tal-UE, inkluż il-miżuri restrittivi tal-UE wara l-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE tilqa' wkoll l-appoġġ vokali tal-Montenegro għall-inizjattivi tal-UE fin-NU b'rispons għal din l-aggressjoni, għad-dritt internazzjonali u għal ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Dan huwa sinjal qawwi tal-orjentazzjoni strateġika u l-impenn tal-pajjiż lejn l-għan tal-adeżjoni mal-UE. L-UE tistenna b'interess li jitkompla l-allinjament ta' 100 %. Hija tilqa' l-isforzi li diġà ttieħdu biex jiġu implimentati s-sanzjonijiet u tħeġġeġ lill-Montenegro biex ikompli bil-passi meħtieġa biex japplika bis-sħiħ il-miżuri restrittivi adottati. Il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tal-UE għall-Balkani tal-Punent jipprovdni stimolu kbir għar-reġjun b'EUR 9 biljun f'għotjiet u garanziji sabiex jingranaw investimenti sa EUR 20 biljun fid-deċennju li jmiss. Il-pjan jista' jixpruna l-irkupru soċjoekonomiku u l-kompetittività fit-tul tar-reġjun, jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tiegħu, irawwem it-trasport u l-konnettività sostenibbli, l-integrazzjoni reġjonali u l-kummerċ, u b'hekk ukoll isaħħaħ il-kooperazzjoni u l-konverġenza mal-UE. Sabiex jinkiseb l-akbar impatt potenzjali tal-Pjan, jeħtieġ li s-sħab tal-Balkani tal-Punent iwettqu riformi ekonomiċi u soċjali b'determinazzjoni kif ukoll isaħħu l-istat tad-dritt u l-kapaċità tal-Amministrazzjoni Pubblika.

L-UE hija l-akbar fornitur ta' assistenza finanzjarja lill-Montenegro. Wara l-adozzjoni tal-qafas legali għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III, li huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament, l-UE tistieden lill-Montenegro biex iħaffef it-tħejjija ta' proġetti maturi u sostenibbli. Għall-IPA III 2021 il-Montenegro ser jibbenefika minn programm annwali ta' EUR 34.21 miljun. Dan l-ammont, meta mqabbel mad-daqs żgħir tal-popolazzjoni tal-pajjiż, jagħmel lill-Montenegro wieħed mill-benefiċjarji bl-ogħla assistenza finanzjarja tal-UE per capita fid-dinja.

Kriterji Politiċi

L-UE tinnota li l-Montenegro kompli jilħaq b'mod suffiċjenti l-**Kriterji Politiċi**.

L-UE tinnota li l-impenn politiku pubbliku tal-awtoritajiet għad-direzzjoni strateġika lejn l-UE tal-Montenegro u l-impenn tagħhom għall-proċess tal-adeżjoni huwa ddikjarat regolarment u konsistentement bħala l-prijorità ewlenija għall-pajjiż u huwa ġeneralment rifless fid-deċiżjonijiet ta' politika rilevanti.

Fir-rigward tal-**funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi**, l-UE tissottolinja l-aspettattivi tagħha ta' impenn politiku qawwi, involviment ġenwin u bini ta' kunsens mill-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti kollha fit-twettiq tal-aġenda ta' riforma tal-UE tal-Montenegro.

L-UE tilqa' l-formazzjoni ta' gvern ġdid f'April 2022. L-UE tistenna b'interess li taħdem mal-atturi politiċi u l-istituzzjonijiet kollha biex tmexxi 'l quddiem ir-riformi relatati mal-UE, fi spirtu kostruttiv. L-UE tistenna li l-gvern jindirizza l-aspettattivi taċ-ċittadini li javvanzaw fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE u tilqa' l-prijorità strateġika tal-gvern il-ġdid li jaċċellera n-negozjati tal-pajjiż dwar l-adeżjoni mal-UE. L-UE ttenni l-importanza tad-dibattitu politiku fil-Parlament u l-involvement f'koordinazzjoni kostruttiva dwar l-inizjattivi leġiżlattivi rilevanti kollha. Din hija r-responsabbiltà tal-atturi politiċi kollha.

L-UE tfakkar li r-rakkomandazzjoni tal-OSKE/ODIHR għal riforma komprensiva biex jiġi armonizzat il-qafas legali elettorali u jiġu rregolati l-aspetti ewlenin kollha tal-elezzjonijiet, permezz ta' proċess inklużiv, ferm qabel l-elezzjonijiet li jmiss, għadha pendenti. Hija thegġegħ lill-Parlament biex jimpenja ruħu fi djalogu trasparenti, deċiżiv u inklużiv dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-OSKE/ODIHR.

L-UE tilqa' l-fatt li r-rwol tal-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** fil-proċess ta' adeżjoni huwa rikonoxxut u promoss fil-livell politiku, iżda tissottolinja li għad irid jissaħħaħ aktar fil-prattika.

L-UE tfakkar li l-prijorità għal aktar progress ġenerali fin-negozjati tal-adeżjoni hija l-issodisfar tal-parametri referenzjarji interim taħt il-**kapitoli 23 u 24**. Hija tinnota li l-Montenegro kompli jimplimenta l-pjanijiet ta' azzjoni għall-kapitoli 23 u 24 u dokumenti strateġiċi oħra fil-qasam tal-istat tad-dritt. Hija tilqa' l-fatt li l-Montenegro qed jaħdem biex jindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati mir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-2021 dwar il-Montenegro, u mill-konferenza intergovernattiva li saret f'Diċembru 2021, inkluż fl-oqsma kritiċi tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-kisbiet preċedenti fir-riforma ġudizzjarja. L-UE tinkoraġġixxi l-intensifikazzjoni tal-ħidma ta' riforma, b'enfasi ċara fuq lakuni kritiċi magħrufa sew, u biex din il-ħidma tiġi pplanata bir-reqqa, u tibqa' impenjata li tassisti.

Fir-rigward tal-**ġudikatura**, l-UE tilqa' l-fatt li saru xi ħatriet ġudizzjarji ta' livell għoli li kienu ilhom pendenti, li għabu aktar stabbiltà fil-ġudikatura u li qed joqorbu aktar lejn sistema ġudizzjarja kompletament funzjonali li kapaċi taġixxi b'mod indipendenti u tkun ħielsa minn interessi personali u influwenza esterna. Dan jinkludi l-ħatra mill-Parlament ta' ħames membri mhux ta' prosekuzzjoni tal-Kunsill ta' Prosekuzzjoni f'Diċembru 2021, – li ppermetta lill-Kunsill jerġa' jibda l-funzjonament tiegħu u jaħtar unanimament aġent Prosekutur Suprem tal-Istat ġdid. L-UE tirrikonoxxi wkoll b'mod pożittiv il-ħatra ta' ħdax-il imħallef fil-Qorti Suprema mill-Kunsill Ġudizzjarju. Barra minn hekk, l-UE tilqa' l-ħatra ta' Kap Prosekutur Speċjali ġdid, li ġġib stabbiltà fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali, korp ewlieni ġudizzjarju u tal-infurzar tal-liġi. Fl-aħħar nett, l-UE tinnota li ġew eletti erba' mħallfin fil-Kunsill Ġudizzjarju u ser jidħlu fil-kariga ladarba jintemm il-mandat tal-membri ġudizzjarji attwali tal-Kunsill.

Madankollu, l-UE tfakkar li għadd ta' ħatriet ġudizzjarji ewlenin, li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata fil-Parlament, għadhom pendenti, inkluż erba' membri mhux ġudizzjarji tal-Kunsill Ġudizzjarju, Prosekutur Suprem permanenti tal-Istat u tliet imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali. L-UE thegġegħ lill-parlament biex jinvolvi ruħu fi djalogu trasparenti, deċiżiv u inklużiv f'dan ir-rigward. L-UE tappella lill-Montenegro biex jiżgura l-ħatra bbażata fuq il-mertu ta' individwi li kapaċi jaġixxu b'mod indipendenti mingħajr influwenza politika indebita.

L-UE jiddispjaċiha li ma sarx progress fl-implimentazzjoni ta' riformi ġudizzjarji ewlenin. Hemm progress limitat fl-istabbiliment ta' rekord dwar l-*indipendenza, il-professjonaliżmu u r-responsabbiltà* fil-ġudikatura, li jeħtieġ li jissaħħaħ aktar, inkluż bl-implimentazzjoni tal-qafas kostituzzjonali u legali rilevanti u bl-adozzjoni ta' bidliet leġiżlattivi f'konformità mal-istandards u l-aħjar prattiki Ewropej. Sabiex ma jitregġax lura l-progress tajjeb miksub fil-passat, l-UE tappella lill-Montenegro biex jindirizza fis-sustanza r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha mill-Kummissjoni ta' Venezja u l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), wara proċess ta' konsultazzjoni wiesa' u inklużiv.

L-*effiċjenza tal-ġudikatura* għandha tissaħħaħ. L-UE tistenna li l-Montenegro jtejjeb is-sistemi ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, finanzjarji, tal-ICT u tal-infrastruttura, jadotta strateġija ġdida għar-razzjonalizzazzjoni tan-network ġudizzjarju, kif ukoll jimplimenta l-istrateġija tal-ICT għall-ġudikatura.

Fil-qasam tat-**trattament domestiku tad-delitti tal-gwerra**, l-UE tilqa' l-implimentazzjoni kontinwa tal-istrateġija tal-prosekuzzjoni tad-*delitti tal-gwerra*, kif ukoll il-kooperazzjoni tajba mal-pajjiżi ġirien u l-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali (IRMCT). Madankollu, l-UE tfakkar li l-investigazzjoni u l-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' delitti tal-gwerra għadhom qed jiffaċċjaw ċerti ostakli legali u prattiċi biex b'mod effettiv jinvestigaw, iħarrku, jipproċessaw u jikkastigaw delitti tal-gwerra f'konformità mal-istandards internazzjonali, u tappella lill-Montenegro biex jегħleb dawn l-ostakli.

Dwar il-**libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni**, l-UE tilqa' t-tisħiħ tal-qafas legali għall-protezzjoni effettiva tal-ġurnalisti u ħaddiema oħra tal-media kontra theddid u attakki, wara l-emendi għall-Kodiċi Kriminali, u l-isforzi reċenti biex jiġu eżaminati każijiet qodma. L-UE tistenna li l-Montenegro jiżgura segwitu ġudizzjarju sħiħ u effettiv ta' attakki u theddid, inkluż il-każijiet qodma. L-UE tinnota li x-xandar pubbliku RTCG introduċa politika editorjali aktar pluralistika u tfakkar li huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jiġi żgurat li jikkonforma mal-ogħla standards ta' *indipendenza u professjonaliżmu*. L-UE thegħgeġ lill-Montenegro biex jiffinalizza r-reviżjoni tal-qafas legali u ta' politika fil-qasam tal-media, inkluż it-tħejjija ta' abbozz ta' strateġija għall-media, li għandu l-potenzjal li jiffaċilita djalogu wiesa' u inklużiv mal-partijiet ikkonċernati tal-media.

Fir-rigward tal-**prevenzjoni tal-korruzzjoni**, l-UE thegheg lill-Montenegro biex ikompli bix-xejra pożittiva fir-riżultati tal-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u tistenna sforzi sostnuti biex jiġu żgurati l-integrità, l-imparzjalità u r-responsabbiltà tagħha, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari mwettqa fl-2019 u l-2021.

Fil-qasam tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**, l-UE tistenna titjib fir-rekord tal-investigazzjonijiet, l-akkużi u d-deċiżjonijiet tal-qorti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-korruzzjoni flivell għoli, inkluż l-investigazzjonijiet finanzjarji, is-sekwestru u l-konfiska tal-assi, bil-ħsieb li jiġi stabbilit rispons kredibbli tal-ġustizzja kriminali. L-UE tieħu nota tal-investigazzjonijiet immedja fl-2022 mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali ta' każijiet ġodda ta' korruzzjoni ta' livell għoli u tilqa' l-isforzi kollha biex tittieħed azzjoni immedjata kontra l-imġiba ħażina.

Dwar id-**drittijiet fundamentali**, l-UE tilqa' l-implimentazzjoni mill-Montenegro tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn strumenti u leġiżlazzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, iżda tinnota li għad fadal sfidi fl-implimentazzjoni effettiva. Jeħtieġ li titjeb aktar l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet dwar l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi u r-reati ta' mibegħda. Aħna nħeġġu lill-Montenegro biex jirrimedja l-inċidenti reċenti ta' attakki, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda mmotivati mill-etniċità u r-reliġjon, li komplew jiżdiedu.

Infakkru li l-vjolenza abbażi ta' sess, b'mod partikolari l-vjolenza domestika għadha kwistjoni kriminali, soċjetali u tas-saħħa pubblika serja u persistenti. Inħeġġu lill-Montenegro biex itejjeb il-qafas legali tiegħu b'mod sostanzjali, inkluż billi jtejjeb l-implimentazzjoni tiegħu tal-Konvenzjoni ta' Istanbul f'konformità mar-rapport għall-2018 tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), inkluż billi jipprevedi kooperazzjoni multidixxiplinarka effettiva f'dan il-qasam u appoġġ xieraq lill-vittmi.

L-UE tfakkar li l-Montenegro jeħtieġ li jiżgura aċċess aħjar għall-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ta' delitti kontrihom. L-UE tieħu nota pożittiva tat-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u legali biex jiġu protetti aktar id-drittijiet ta' persuni leżbjani, gay, bisesswali, transgender u intersesswali (LGBTI), inkluż fir-rigward ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess. Madankollu hija tfakkar li d-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u t-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni LGBTI jeħtieġ li jiġu promossi aktar. L-UE tissottolinja l-importanza li jiżdiedu aktar l-isforzi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha kif ukoll id-diversità.

L-UE tibqa' impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett sħiħ tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett sħiħ tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-hteġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Fil-qasam tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza**, l-UE jiddispijaċiha li, minkejja d-deċiżjoni mħabbra preċedentement li jintemm il-programm ta' ċittadinanza ekonomika fl-2021, il-Gvern ġeddu għal 12-il xahar addizzjonali u reċentement naqqas ir-rekwiżiti għall-kisba ta' tali ċittadinanza. L-UE tfakkar li din l-iskema toħloq riskji bħall-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa, il-finanzzjament tat-terroriżmu, il-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata. L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex gradwalment ineħħi l-iskema b'mod definittiv malajr kemm jista' jkun. L-UE ser tissorvelja dan il-proċess mill-qrib.

Fil-qasam tal-**Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà**, l-UE tilqa' l-isforzi kontinwi tal-Montenegro biex jallinja ruħu mal-*acquis* tal-UE u biex itejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet kriminali fil-kriminalità organizzata. Xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport dwar il-Montenegro tal-2021 ġew indirizzati.

Fil-qasam tal-**migrazzjoni u l-ażil**, l-UE tilqa' l-adozzjoni bikrija u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja għaċ-ċittadini Ukreni li ħarbu mill-gwerra u tinnota l-isforzi li saru mill-Montenegro biex jospita għadd kbir ta' refuġjati Ukreni. L-UE tinnota li ż-żmien tal-ipproċessar tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali tnaqqas. Hija tilqa' l-adozzjoni ta' strateġija ġdida dwar il-migrazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-persuni rimpatrijati u l-kooperazzjoni msaħħa tal-Montenegro man-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. L-UE tappella lill-Montenegro biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-kapaċità tiegħu f'dan il-qasam, billi jimmodernizza s-sistema ta' reġistrazzjoni tal-migranti tiegħu, u jżid ir-riżorsi umani u dawk materjali ddedikati għall-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-akkoljenza.

L-UE tinnota li l-politika tal-Montenegro dwar il-viżi għadha mhijiex allinjata bis-sħiħ mal-lista tal-UE ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom jeħtieġu viża u tappella lill-Montenegro biex jieħu passi konkreti biex jiżgura aktar allinjament, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew ta' sigurtà għall-UE.

L-UE tilqa' l-progress kontinwu tal-Montenegro fil-**għieda kontra l-kriminalità organizzata**, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' reġistru ċentralizzat tal-kontijiet bankarji, il-kapaċità msaħħa u l-professjonaliżmu tal-pulizija, u t-tnedija tal-ewwel Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta ma' pajjiż terzi. L-UE tinnota li xi individwi ewlenin ta' gruppi ta' kriminalità organizzata ġew arrestati u li sar għadd rekord ieħor ta' sekwestri ta' drogi. L-UE tilqa' ż-żieda fl-għadd ta' kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata, inkluż fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin. Madankollu, l-UE tinnota li r-rekord dwar il-kuntrabandu tat-tabakk u l-ħasil tal-flus, il-kooperazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, l-użu ta' investigazzjonijiet finanzjarji u l-kapaċità li jiġi kkonfiskat id-dħul mill-kriminalità jeħtieġ jissaħħu. L-UE thegġegħ lill-Montenegro sabiex jindirizza xi nuqqasijiet sistemiċi orizzontali fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, inkluż il-mod kif il-każijiet ta' kriminalità organizzata jiġu ttrattati fil-qrati. Dan ser jirrikjedi politika ta' sentenzjar aktar dissważiva u reviżjoni tal-użu ta' sentenzi fuq talba tal-partijiet f'każijiet ta' kriminalità organizzata u serja.

L-UE tilqa' t-tisħiħ tal-qafas strateġiku u istituzzjonali dwar **il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-estremiżmu vjolenti**. L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro biex ikompli jagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

Fil-qasam tal-**Amministrazzjoni Pubblika**, l-UE tilqa' l-progress li sar fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi kif ukoll it-trasparenza tal-baġit. L-UE tilqa' l-adozzjoni tal-istrategġija l-ġdida għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u tenfasizza l-importanza li l-Montenegro jadotta strategġija ġdida għall-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika. L-UE jiddispjaċiha li l-emendi għal-Liġi dwar l-Impjegati taċ-Ċivil u tal-Istat, adottati f'Jannar 2021 fuq l-inizjattiva tal-Parlament, baxxew ir-rekwiżiti għar-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu, il-kompetenza u l-indipendenza tal-impjegati taċ-ċivil. L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jagħmel progress malajr b'ħatriet ġodda għall-istrutturi ta' negozjar u biex iżomm persunal esperjenzat fi kwistjonijiet relatati mal-proċess ta' adeżjoni mal-UE f'ħafna setturi. Hemm bżonn ta' rieda politika qawwija biex jinżamm il-prinċipju tal-mertu u biex is-servizz pubbliku jiġi depolitiċizzat b'mod effettiv, tiġi ottimizzata l-amministrazzjoni tal-istat u tiġi implimentata b'mod effettiv ir-responsabbiltà maniġerjali. Is-sitwazzjoni tal-intrapriżi tal-istat hija rilevanti wkoll f'dan ir-rigward. L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jiżgura li jsiru konsultazzjonijiet pubbliċi inklużivi kif xieraq sabiex itejjeb il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika, u biex jindirizza b'mod effettiv id-delega tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-responsabbiltà maniġerjali. L-UE tfakkar li l-iżgurar tal-aċċess għall-informazzjoni huwa kruċjali biex jiġu żgurati aktar trasparenza u responsabbiltà tas-servizz pubbliku u tissottolinja l-ħtieġa għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid dwar l-aċċess għall-informazzjoni f'konformità mal-Prinċipji tal-Amministrazzjoni Pubblika.

L-UE tilqa' l-impenn kostruttiv tal-Montenegro għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u kooperazzjoni reġjonali**, li jiffurmaw parti essenzjali mill-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tal-Montenegro u jikkontribwixxu għall-istabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u klima li twassal biex jiġu indirizzati kwistjonijiet bilaterali miftuħa u l-wirt tal-passat. L-UE tinnota li l-Montenegro ffirmat konvenzjoni bilaterali dwar il-kooperazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-imsieħba kollha b'FSA fis-seħħ. L-UE tappoġġa s-Suq Reġjonali Komuni li tnieda mill-mexxejja tal-Balkani tal-Punent fis-Summit ta' Sofija f'Novembru 2020 u tfakkar li l-kooperazzjoni reġjonali kompletament inklużiva kif identifikata fil-pjan ta' azzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni ser tibqa' kruċjali biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal tar-reġjun u tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment.

L-UE tfaħħar bis-sħiħ lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu rigward kwistjonijiet ta' politika barranija, u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ kontinwu tiegħu mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni** tal-UE. L-UE tilqa' l-kontribut tal-Montenegro għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE.

L-UE tfakkar li l-ftehim bilaterali tal-2007 dwar l-immunità mal-Istati Uniti tal-Amerka ma jikkonformax mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-integrità tal-Istatut ta' Ruma jew mal-prinċipji gwida relatati tal-UE dwar il-ftehimiet bilaterali dwar l-immunità, u li l-Montenegro jeħtieġ jallinja ruħu mal-pożizzjoni tal-UE.

Kriterji ekonomiċi

L-UE tilqa' l-preżentazzjoni mill-Montenegro, fil-31 ta' Jannar 2022, tal-Programm ta' Riforma Ekonomika (PRE) tiegħu. F'dan il-kuntest, l-UE tinnota li l-konsegwenzi ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jistgħu jrendu x-xenarji makrofiskali ppreżentati fil-PRE obsoleti. L-UE tiġbed l-attenzjoni għall-konklużjonijiet konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, adottati fl-24 ta' Mejju 2022, bejn il-Kunsill ECOFIN tal-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija. L-UE tistieden lill-Montenegro biex jagħti segwitu għall-gwida ta' politika mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet b'mod sħiħ u fil-waqt.

L-UE tinnota li, wara li sofriet l-aktar reċessjoni profonda fl-Ewropa fl-2020, l-ekonomija Montenegrina rreġistrat tkabbir qawwi ħafna, b'żewġ ċifri fl-2021 (12.4 %), madankollu mingħajr ma rkuprat kompletament għal-livell tagħha ta' qabel il-pandemija. L-irpiljar tat-turiżmu fl-2021, megħjun mill-ftuħ mill-ġdid tal-fruntieri tal-pajjiż, kellu effetti pożittivi fuq is-servizzi relatati kollha. Iż-żieda fl-għadd ta' viżitaturi għal madwar 70-80 % tal-livelli ta' qabel il-pandemija wasslet ukoll għall-irkupru parzjali tal-konsum privat u għaż-żieda fl-importazzjonijiet. Madankollu, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol xorta waħda sofrew mill-effetti negattivi tal-pandemija, minkejja miżuri ta' appoġġ mill-Istat biex jiġu salvati l-impjiegi. B'riżultat ta' dan, l-impjiegi baqgħu jonqsu minn sena għal oħra, mit-tifqigħa tal-pandemija f'Marzu 2020 sa Ġunju 2021.

L-UE tfaħħar lill-awtoritajiet għar-rispons politiku f'waqtu u mmirat tagħhom għall-kriżi, li ġie aġġustat skont kif evolviet is-sitwazzjoni. Hija tikkumplimenta wkoll lill-gvern għall-irkupru ekonomiku rreġistrat mit-tieni kwart tal-2021. Fl-istess ħin, l-UE tissottolinja li l-irkupru ta' wara l-COVID-19 ser jiddependi fuq l-isforzi kontinwi tal-gvern biex irażżan l-infiq pubbliku, inaqqas id-defiċit u jqiegħed il-finanzi pubbliċi (u l-ekonomija iġġenerali) fuq perkors sostenibbli. Dawn l-isforzi ser isiru saħansitra aktar ċentrali hekk kif l-effetti ekonomiċi tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna laqtu wkoll l-ekonomija tal-Montenegro.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jindirizza l-isfidi ewlenin fuq terminu medju għall-kompetittività u t-tkabbir fit-tul billi jiddiversifika l-ekonomija, itejjeb l-ambjent regolatorju, jieħu azzjoni effettiva biex jindirizza l-ekonomija informali u jżid l-impjiegi, b'mod partikolari tal-persuni qiegħda fit-tul, in-nisa u ż-żgħażaġh. L-UE tissottolinja l-importanza tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku biex tittejjeb l-effiċjenza tiegħu, inkluż l-iżgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fil-kuntest tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tassazzjoni, l-aġġustament tad-daqs u r-riformi tal-amministrazzjoni pubblika u t-trasformazzjoni ekoloġika f'dan il-kuntest.

L-UE tissottolinja li l-istat tad-dritt huwa essenzjali biex jiġi żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli. Sistemi ġudizzjarji effettivi u indipendenti, li jipprevedu ċertezza legali għall-kumpanniji u l-investituri, l-infurzar f'waqtu tal-kuntratti u t-trasparenza fit-tfassil tal-liġi huma prerekwiżiti għal ambjent li huwa favorevoli għan-negozji u għall-investment.

L-UE tkompli tistieden lill-Montenegro jiżgura l-aderenza ta' kwalunkwe attività ekonomika ffinanzjata minn barra l-UE għall-valuri, in-normi u l-istandards tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma ewlenin bħall-istat tad-dritt, l-akkwist pubbliku, l-ambjent, l-enerġija, l-infrastruttura u l-kompetizzjoni.

Acquis tal-UE

L-UE tilqa' l-progress li sar mill-Montenegro fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni tiegħu mal-*acquis* tal-UE u l-implimentazzjoni tal-impenji tiegħu skont id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u d-dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ tal-FSA.

L-UE tinnota li l-Montenegro qed ikompli jindirizza l-prijoritajiet tiegħu marbuta mas-**suq intern**. L-UE tinnota li l-progress fl-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-**moviment liberu tal-merkanzija** kien limitat, peress li xi atti leġiżlattivi importanti ma ġewx adottati. L-UE ttenni l-importanza li l-Montenegro jiżgura l-ġoti ta' riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti lill-korpi tiegħu ta' sorveljanza, standardizzazzjoni u akkreditazzjoni tas-suq u li l-Istitut tal-Montenegro għall-Istandardizzazzjoni jsir membru sħiħ tal-Kumitati Ewropej rilevanti (CEN/CENELEC). Hija thegġegħ ukoll lill-Montenegro biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.

Rigward id-**dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi**, sar progress tajjeb fir-reġistrazzjoni elettronika tal-kumpaniji, filwaqt li komplew it-tnejniet biex jiġi stabbilit il-Punt ta' Kuntatt Uniku. Il-Montenegro għandu jkompli jimplimenta l-pjan nazzjonali dwar l-iżvilupp ta' kwalifiki għal professjonijiet regolati. Dwar is-servizzi postali, għad irid jinkiseb allinjament sħiħ mal-*acquis* tal-UE. Il-Montenegro adotta l-pjan ta' azzjoni 2021-2022 għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-iżvilupp postali.

L-UE tilqa' l-progress tajjeb miksub fil-qasam tal-**akkwist pubbliku** b'titjib fis-sistema ta' rimedju, l-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar is-sħubijiet pubbliċi-privati u l-akkwist pubbliku u r-regolamentazzjoni tar-regoli tal-akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà. L-implimentazzjoni tas-sistema elettronika l-ġdida tal-akkwist pubbliku fl-2021 hija pass kbir 'il quddiem fir-rigward tat-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċessi tal-akkwist pubbliku. L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro biex ikompli jiżviluppa s-sistema elettronika tal-akkwist pubbliku u jirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji tal-akkwist pubbliku tal-UE meta jagħti l-konċessjoni għall-operat tal-Ajruporti tal-Montenegro. Fil-qasam tad-**drittijiet tal-proprjetà intellettuali**, il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati tnaqqset minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u issa għandha terġa' tiżdied. Sar progress fl-allinjament mal-*acquis* dwar il-privattivi, is-sigrieti kummerċjali u fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, li madankollu għad irid jitlestha. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi jeħtieġ li jkompli. Għad trid tiġi adottata strateġija nazzjonali ġdida dwar il-proprjetà intellettuali.

L-UE tinnota li l-Montenegro kompli jagħmel progress fil-qasam tal-**kompetizzjoni**. Fir-rigward tal-antitrust u l-mergers, l-awtorità indipendenti tal-kompetizzjoni u tal-Għajnuna mill-Istat (APC APC – Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni) jeħtieġ li tuża bis-sħiħ is-setgħat ta' infurzar tagħha, twettaq aktar spezzjonijiet fuq il-post, u tippromwovi aktar l-użu tal-politika ta' klemenza tagħha bħala mezz biex tikxef il-kartelli. Il-kapaċità tal-qrati li jitrattaw każijiet kumplessi ta' kompetizzjoni għad trid tissaħħaħ b'mod sinifikanti, u din eventwalment ikollha riperkussjonijiet pożittivi fuq l-applikazzjonijiet għall-klemenza. Dwar l-għajnuna mill-Istat, il-livelli ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni tjebru u jeħtieġ li jibqgħu fuq quddiem fl-aġenda, peress li l-kapaċità ta' infurzar għadha insuffiċjenti. L-APC għandha tagħmel sforzi sinifikanti lejn reklutaġġi ġodda u bini ta' kapaċità relatat. Il-Parlament tal-Montenegro, wara r-rakkomandazzjoni tal-APC, adotta Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex tiġi appoġġata l-ekonomija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19, li jkun allinjat ma' dak tal-UE. Ġew stabbiliti reġistri ġenerali kif ukoll speċifiċi tal-għajnuna mill-Istat, għall-għajnuna *de minimis* u l-miżuri tal-COVID-19, u b'hekk żdiedet it-trasparenza. Il-Montenegro jeħtieġ li jiżgura li l-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna jitolbu lill-awtorità tal-għajnuna mill-Istat għal approvazzjoni ta' għajnuna possibbli mill-Istat qabel ma tingħata t-tali għajnuna. Meta l-għajnuna mill-Istat tkun ingħatat mingħajr tali approvazzjoni minn qabel, l-APC għamlet progress fuq ir-reviżjoni tal-għajnuna wara, billi tivvaluta l-kompatibbiltà tagħha. Hija ħarġet tliet opinjonijiet negattivi dwar l-għajnuna lil Montenegro Airlines, li nġalqet f'Diċembru 2020, u wriet rekord imtejjeb. Il-Montenegro jeħtieġ li jiżgura li l-APC jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex timplimenta l-*acquis* dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan jinkludi proġetti kbar imwettqa b'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, bħal dak tal-awtostrada Bar-Boljareli, li jeħtieġ li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Rigward **is-servizzi finanzjarji**, l-UE tirrikonoxxi l-ħidma ta' allinjament li diġà saret, iżda tinnota li huma meħtieġa aktar sforzi sostanzjali biex jinkiseb allinjament mal-*acquis* eżistenti f'dan il-qasam u biex dan jiġi implimentat. Hija tilqa' l-finalizzazzjoni tar-rieżami indipendenti tal-kwalità tal-assi fis-sistema bankarja u tinnota li s-sistema bankarja fil-pajjiż għadha stabbli.

Fil-qasam tas-**soċjetà tal-informazzjoni u l-media**, sar progress b'mod partikolari fuq il-komunikazzjonijiet elettroniċi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni inkluż lejn network 5G futur u aktar tnaqqis tat-tariffi tar-roaming fir-reġjun mill-1 ta' Lulju 2021. Ġie adottat qafas strateġiku ġdid dwar it-Trasformazzjoni Diġitali. Il-Montenegro jeħtieġ li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu biex jinforza l-*acquis* tal-UE, ilesti l-allinjament leġislattiv b'mod partikolari dwar il-media awdjoviżiva, jiżgura l-indipendenza operattiva tar-regolaturi tal-media u x-xandar tas-servizz pubbliku, u jagħmel progress fl-għoti ta' setgħat lill-aġenzija regolatorja għall-media elettronika biex timponi sanzjonijiet. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza tal-qafas leġislattiv dwar il-media u l-proċess leġislattiv jitwettaq b'mod inklużiv u trasparenti, fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex ikompli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu għall-allinjament, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-*acquis* fil-qasam tal-**agrikoltura u l-iżvilupp rurali** u biex jadotta strateġija ġdida għall-perjodu li jmiss li tintegra l-elementi tal-pilastru tas-sistemi tal-ikel sostenibbli tal-Aġenda Ekoloġika. Il-Montenegro għamel progress fl-implimentazzjoni tal-Programm għal Assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-Iżvilupp Rurali (IPARD II), permezz ta' aktar appelli u inkarigu ta' miżuri IPARD u għandu jżid l-isforzi tal-implimentazzjoni. L-UE ser tkompli ttipprovdi assistenza finanzjarja u għarfien espert taħt l-IPARD III.

L-UE tinnota l-progress kontinwu tajjeb fil-qasam tal-**politika dwar is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u dik fitosanitarja**. L-istrateġija riveduta għall-allinjament mal-*acquis* tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu ġiet implimentata fil-ħin. Tkomplet l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali għat-titjib tal-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat u għat-titjib tal-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ikel għall-istandards tal-UE, b'aktar minn 50 % tal-istabbilimenti tal-ikel isiru konformi. It-tilqim ġie konkluż b'suċċess, u b'hekk ikkontribwixxa għall-qerda tal-Marda tal-Ilsien Blu u r-Rabja fir-reġjun u fl-UE.

Fil-qasam tas-**sajd**, l-UE tinnota li l-Montenegro kompla jimplimenta l-pjan ta' azzjoni tiegħu dwar l-allinjament mal-*acquis* tal-UE, u l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu u jħeġġeġ lill-Montenegro jiffinalizza t-tnejja tal-istrateġija l-ġdida dwar is-sajd u l-akkwakultura u l-pjan ta' azzjoni relatat. Il-leġislazzjoni qafas importanti għadha fil-proċess tal-adozzjoni mill-Parlament. L-attivitajiet fl-ispezzjoni u l-kontroll komplew, inkluż fir-rigward tal-waqfien ta' kull forma ta' sajd illegali. Bida jopera bis-sħiħ bastiment ta' spezzjoni ġdid tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Il-Montenegro kompla r-rwol attiv tiegħu fil-livell internazzjonali, bħal fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR).

Fis-settur tat-**trasport**, l-UE jiddispjaċiha li ma sar l-ebda progress u li r-riformi ewlenin għadhom pendent. Dan jikkonċerna, fost l-oħrajn, l-isforzi biex tinħoloq awtorità regolatorja u tas-sikurezza indipendenti fis-settur ferrovjarju u biex tinkiseb sħubija sħiħa fil-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-port.

Fir-rigward tal-**enerġija**, l-UE tinnota li, minkejja l-progress ġenerali miksub s'issa, ir-riformi waqgħu lura f'dawn l-aħħar snin u ħafna inizjattivi legali għadhom pendent. Xi wħud mill-proposti pendent jmorru lura għall-2015, bħal-liġi dwar is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti taż-żejt u t-twaqqif tal-korp tal-ħżin għar-riżervi obligatorji taż-żejt, li t-tnejn huma partijiet essenzjali tal-leġislazzjoni fil-kuntest ekonomiku attwali. Il-progress f'dan il-qasam jiddependi fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn l-atti legali pendent u oħrajn. Barra minn hekk, deċiżjonijiet importanti, bħal dawk li jikkonċernaw il-pjanijiet għat-tneħħija gradwali futura tal-impjant tal-enerġija termali fi Pljevlja, għad iridu jittieħdu bħala kwistjoni ta' prijarità.

Fir-rigward tat-**tassazzjoni**, l-UE tilqa' l-progress sostanzjali li sar fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk b'rabta mal-immarkar ta' prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku b'timbru ta' kontroll tas-sisa. Madankollu, hija tinnota implimentazzjoni limitata tal-pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet enfasizzati mill-analiżi tal-għodda ta' valutazzjoni dijanjostika tal-amministrazzjoni tat-taxxa. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-Montenegro biex jagħmel aktar progress fit-tneħħija tal-VAT u eżenzjonijiet oħra mit-taxxa li mhumex allinjati mal-*acquis* tal-UE kif ukoll biex jiżviluppa aktar il-kapaċitajiet tal-Amministrazzjoni tad-Dħul u d-Dwana u biex jipprevjeni t-tluq ta' persunal kwalifikat u mħarreġ.

Fir-rigward tad-**dwana**, l-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jiffinalizza t-tħejjijiet għall-adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu billi jistabbilixxi sistema kompjuterizzata ta' tranżitu kompatibbli mal-UE. Hija tistieden ukoll lill-Montenegro biex jimmonitorja bir-reqqa l-impatt tar-riorganizzazzjoni fl-amministrazzjoni doganali fuq l-iskedi ta' żmien tal-programmi doganali li għaddejjin u l-bini tal-kapaċitajiet f'dan il-qasam. Għandu jiġi evitat aktar dewmien. Għad fadal sfidi fit-tnaqqis tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk miż-żona ħielsa tal-port ta' Bar. Id-Deċiżjoni tal-2021 li tipprojbixxi l-ħżin tal-prodotti tat-tabakk fiż-żona ħielsa hija pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda waħedha mhijiex biżżejjed. Pereżempju, l-arranġamenti ta' tranżitu eżistenti għall-prodotti tat-tabakk jibqgħu sfida sinifikanti. L-UE tilqa' l-isforzi kontinwi tal-Montenegro biex jiżviluppa l-kooperazzjoni internazzjonali tiegħu f'dan ir-rigward.

Fil-qasam tal-**istatistika**, l-UE tinnota li tkomplet il-ħidma fuq l-armonizzazzjoni tal-metodoloġija statistika mal-istandards tal-UE u ż-żieda fit-trażmissjoni tad-data lill-Eurostat iżda tinnota n-nuqqas ta' trażmissjoni ta' xi settijiet ta' data fundamentali dwar il-finanzi tal-gvern. F'dan il-qasam, iżda wkoll b'mod aktar ġenerali, il-kooperazzjoni bejn il-produtturi ewlenin tal-istatistika hija prekondizzjoni ewlenija għall-allinjament b'suċċess tal-Montenegro mal-*acquis* tal-UE. L-UE tinnota wkoll li għad iridu jiġu indirizzati r-riżorsi finanzjarji u umani insuffiċjenti tal-uffiċċju tal-Istatistika tal-Montenegro (Monstat) u n-nuqqas ta' għarfien espert f'xi oqsma. Għalhekk l-UE thegġegħ lill-Montenegro biex isaħħaħ ir-riżorsi umani u finanzjarji ta' Monstat u biex jallinja aktar mas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) 2010, inkluż billi jipprovdi data dwar l-istatistika tal-finanzi tal-gvern u l-proċedura ta' defiċit eċċessiv. L-UE tenfasizza l-importanza li tiġi rispettata l-indipendenza professjonali ta' Monstat u tfakkar fl-impenn tal-Montenegro li ma jkunx hemm interferenza politika fl-istatistika uffiċjali. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Montenegro jorganizza ċ-ċensiment nazzjonali tal-popolazzjoni u tad-djar f'konformità mar-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet tal-UE.

L-UE tinnota li l-pandemija għad għandha effett importanti fuq is-suq tax-xogħol. Fil-qasam tal-**politika soċjali u l-impjigi**, l-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jimplimenta l-liġi tax-xogħol b'mod effettiv u biex jallinja ruħu aktar mal-*acquis*, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. L-UE tilqa' l-isforzi li saru s'issa fl-introduzzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Montenegro u tinkoraġġixxi aktar sforzi fl-implimentazzjoni tagħha. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol ibbażati fuq l-evidenza u mfassla tajjeb jibqgħu prijorità, b'mod partikolari dawk immirati lejn in-nisa, iż-żgħażaġħ, il-persuni b'diżabbiltà, il-minoranzi u l-persuni vulnerabbli milquta mill-pandemija, inkluż ir-Rom u l-Eġizzjani. F'dan ir-rigward, l-UE thegġegħ lill-Montenegro biex ikompli r-riforma tiegħu tas-sistema ta' protezzjoni soċjali biex jiżgura li din timmira u tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li jżomm f'moħħu wkoll il-proprjetajiet ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol tas-sistema ta' protezzjoni soċjali, u biex jindirizza l-kwistjoni tad-deistituzzjonalizzazzjoni.

Fir-rigward tax-**xjenza u r-riċerka**, l-UE thegġegħ lill-Montenegro biex ikompli jibni fuq il-parteċipazzjoni tiegħu fil-programm Orizzont Ewropa sabiex ikun hemm kooperazzjoni akbar bejn l-industrija u s-settur tar-riċerka pubblika. L-UE ttenni mill-ġdid l-importanza tal-isforzi biex jiżdied l-investiment fir-riċerka (b'enfasi partikolari fuq iż-żieda fl-investiment tas-settur privat) filwaqt li jittejjeb il-ġbir tad-data statistika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jiżgura li l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tibda taqdi rwol aktar attiv biex tappoġġa l-kompetittività u t-tkabbir fil-pajjiż kollu.

L-UE tinnota li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt serju fuq is-settur tal-**edukazzjoni**, li r-rispons tiegħu ffoka fuq iż-żamma tal-kontinwità permezz tat-tagħlim mill-bogħod, u thegħgeġ lill-Montenegro jkompli bl-isforzi ta' riforma fil-livelli kollha u jsaħħaħ il-governanza settorjali bil-għan li jipprovdi servizzi edukattivi aktar effettivi. L-UE tissottolinja li l-miżuri ta' riforma jenħtieġ li jkunu akkumpanjati wkoll minn sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Flimkien mar-riforma tal-kurrikuli bħala mezz biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-UE tilqa' t-tkomplija tat-taħriġ Prattiku fl-edukazzjoni ta' livell ogħla u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-istudenti u wkoll ta' dawk li jħaddmu fil-programm doppju għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-UE tinkoraġġixxi aktar inizjattivi biex jissaħħu l-ħiliet bażiċi u trasversali b'assigurazzjoni tal-kwalità, l-intraprenditorija u l-gwida għall-karriera u ttenni l-importanza tat-taħriġ u l-iżvilupp tal-għalliema biex jikkontribwixxu għall-kisbiet tal-istudenti. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li jissaħħaħ l-aċċess għas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-kwalità tagħhom u l-importanza ta' edukazzjoni inklużiva għall-bniet u s-subien kollha. L-UE thegħgeġ lill-Montenegro biex jippromwovi l-valuri tal-UE fis-sistema edukattiva kollha tiegħu, speċjalment il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

L-UE tinnota li l-Montenegro kiseb ċertu livell ta' preparazzjoni fil-qasam tal-**ambjent u t-tibdil fil-klima**. Sar progress limitat fit-tkomplija tal-allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tan-natura jew biex jiġi żviluppat il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Komunità tal-Enerġija. In-nuqqas ta' kapacià amministrattiva u ta' riżorsi finanzjarji fil-livelli nazzjonali u lokali u koordinazzjoni interistituzzjonali insuffiċjenti għad iridu jiġu indirizzati b'mod urġenti. L-UE tinkoraġġixxi lill-Montenegro biex iħaffef il-progress, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ilma, l-iskart, in-natura u t-tibdil fil-klima. Fis-snin li ġejjin, il-Montenegro għandu jżid l-ambizzjonijiet lejn tranżizzjoni ekoloġika, jiżgura parteċipazzjoni pubblika effettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jintegra b'mod sistematiku l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u tat-tibdil fil-klima f'setturi oħra, inkluż it-turiżmu u l-enerġija.

Inkiseb progress biex jiġi protett is-sit potenzjali ta' Natura 2000 u l-habitat tal-għasafar ta' Ulcinj Salina, li ngħata status ta' importanza internazzjonali fl-2019 u li s-sjieda tal-istat tiegħu ġiet iċċarata f'Lulju 2021, b'ġestjoni sostenibbli tiġi implimentata f'kooperazzjoni mal-Ġermanja. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu ppreservati u mtejbja ż-żoni protetti u s-siti potenzjali ta' Natura 2000, b'mod partikolari l-Lag Skadar u x-Xmara Tara, li saritilhom ħsara mill-kostruzzjoni tal-awtostrada Bar-Boljare. It-taħriġ militari twaqqaf fuq il-muntanja Sinjajevina, parti mir-riżerva tal-bijosfera tax-Xmara Tara tal-UNESCO. Iż-żoni ta' Platomuni, Katič u Stari Ulcinj ġew ipproklamati bħala l-ewwel Żoni Protetti tal-Baħar fil-Montenegro fl-2021. L-UE tissottolinja li l-ispeċi tal-baħar jeħtieġ li jiġu protetti pereżempju matul l-istħarriġ sismiku għall-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass. Sar progress fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart industrijali (rimedjazzjoni tal-landfills). L-UE tinnota li tnediet proċedura kontra l-Montenegro mill-Komunità tal-Enerġija, peress li l-impjant tal-enerġija tal-faħam ta' Pljevlja qed ikompli jopera minkejja l-fatt li qabeż l-għadd awtorizzat ta' sigħat ta' tħaddim skont l-*acquis* tal-UE.

L-UE thegġegħ lill-Montenegro jiżgura l-konsistenza bejn l-istrategġija nazzjonali għat-tibdil fil-klima u l-qafas ta' politika tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030. Wara l-adozzjoni tal-liġi qafas dwar it-tibdil fil-klima fl-2019 u l-istabbiliment ta' sistema nazzjonali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fl-2020, għad hemm bżonn ta' ħidma konsiderevoli biex ikun hemm allinjament mal-*acquis* tal-UE, inkluż fir-rigward tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ u Rappurtar (MMR). F'Lulju 2020, il-gvern adotta t-tielet rapport nazzjonali dwar it-tibdil fil-klima f'konformità mal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u f'Diċembru 2021 it-tielet rapport ta' aġġornament biennali dwar it-tibdil fil-klima. Ir-rapport ta' Ġunju 2021 għat-tħejjija tal-kontributi aġġornati determinati fil-livell nazzjonali (NDC) fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi biss żieda ta' 5 % mill-mira preċedenti ta' tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u jenħtieġ li dawn il-kontributi jiżdiedu aktar. L-UE tilqa' l-adozzjoni ta' pjan nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima fl-2021 u tistenna b'interess l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.

Fir-rigward tal-**protezzjoni tal-konsumaturi u tas-saħħa**, l-UE tinnota l-progress li sar mill-Montenegro fuq l-allinjament leġislattiv mal-*acquis* tal-UE. Dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, l-UE tissottolinja l-ħtieġa għal aktar allinjament b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-konsumatur, il-kreditu tal-konsumatur u s-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim. Il-Montenegro jeħtieġ ukoll li jiżgura aktar allinjament mal-*acquis* tal-UE dwar il-protezzjoni tas-saħħa, b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u s-sustanzi ta' oriġini umana. L-UE thegġegħ lill-Montenegro biex jimplimenta l-*acquis* tal-UE relatat mal-protezzjoni tas-saħħa u biex jiżgura l-kapaċità meħtieġa għalih, b'mod partikolari fil-qasam tal-kontroll tat-tabakk.

Fir-rigward tal-**kontroll finanzjarju**, l-UE tinnotta l-progress li sar fit-titjib tal-kapaċitajiet u l-proċeduri tal-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar kif ukoll l-istabbiliment tal-bażi għal segwitu aktar effiċjenti tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u għal komunikazzjoni aktar miftuħa u trasparenti mal-Parlament u mal-pubbliku ġenerali. L-UE thegħeġ lill-Montenegro biex joperazzjonalizza l-funzjoni ċentralizzata ta' spezzjoni tal-baġit fil-Ministeru għall-Finanzi, jiggwida u jsaħħaħ l-applikazzjoni tar-responsabbiltà maniġerjali fl-amministrazzjoni pubblika, u biex ikompli jallinja mal-*acquis* tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi li tinvolvi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)

L-UE tappella għal kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE b'mod partikolari fil-qasam tal-elementi fundamentali bħall-istat tad-dritt filwaqt li jintużaw il-modalitajiet ta' implimentazzjoni kollha disponibbli, inkluż l-appoġġ u l-garanziji baġitarji settorjali. L-UE tissottolinja li ser tingħata assistenza biex jintlaħqu l-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti fil-Qafas ta' Programmazzjoni tal-IPA III u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, f'konformità mal-oġettivi tal-politika tat-tkabbir.

L-UE tappella lill-Montenegro biex iħaffef l-implimentazzjoni tal-fondi kollha tal-UE, b'mod partikolari l-programmi fdati lill-Montenegro taħt ġestjoni indiretta. Il-miżuri rilevanti għandhom jinkludu l-indirizzar tal-lakuni fil-persunal u l-fatturat kif ukoll it-tisħiħ tal-monitoraġġ u l-kontroll. L-UE tenfasizza li skont l-IPA III, l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE taħt ġestjoni indiretta mal-pajjiż benefiċjarju ser tintuża prinċipalment bħala għodda ta' tħejjija għal ġestjoni effiċjenti tal-fondi strutturali mal-adeżjoni. Bil-ħsieb li titthaffef l-implimentazzjoni tal-IPA III, l-UE tfakkar fil-ħtieġa li l-Montenegro jistabbilixxi riżerva ta' proġetti tal-IPA III rilevanti u maturi, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment. Il-ġemellaġġ u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE jibqgħu għodda importanti ta' assistenza teknika għat-tisħiħ tal-kapaċità biex tiġi adottata u implimentata l-leġiżlazzjoni tal-UE. Fir-rigward tal-ippjanar tal-investment, l-UE tfakkar fl-offerta tagħha li tassisti lill-Montenegro, u tenfasizza li l-investimenti kapitali kollha għandhom jirrispettaw l-istandards u l-leġiżlazzjoni tal-UE, irrispettivament mit-tip ta' investment jew is-sors ta' finanzjament, inkluż dawk taħt ftehimiet intergovernattivi, biex jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. L-UE tenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni tad-donaturi.

Il-Montenegro jkompli jibbenefika mill-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE li ġejjin, bl-appoġġ tal-IPA: Erasmus+, Ewropa Kreattiva (il-fergħa tal-Kultura u dik tal-Media), il-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, Orizzont 2020, Dwana 2020, Fiscalis 2020, il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (COSME). Il-Montenegro jipparteċipa wkoll bil-fondi tiegħu stess fil-programm Ġustizzja tal-UE.

3.2. Relazzjonijiet taħt il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

L-UE ttenni li l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), fi ħdan il-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, jibqa' fiċ-ċentru tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Montenegro. L-UE tilqa' r-rekord pożittiv tal-Montenegro fl-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu taħt il-FSA.

Punt 4. Skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi fil-Balkani tal-Punent

L-Unjoni Ewropea u l-Montenegro ser jipproċedu bi skambju ta' fehmiet dwar l-iżviluppi fil-Balkani tal-Punent.
